DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 328/2022

tad-9 ta' Diċembru 2022

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/1270]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1210 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata u l-aġġornamenti tagħhom ([1]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1210 iħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/347 ([2]), li huwa inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 29ae (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/347) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jinbidel b'dan li ġej:

"**32022 R 1210**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1210 tat-13 ta' Lulju 2022 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format tal-listi ta' persuni b'informazzjoni privileġġata u l-aġġornamenti tagħhom (ĠU L 187, 14.7.2022, p. 23)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1210 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Diċembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 215/2019 tad-9 ta' Lulju 2021 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 187, 14.7.2022, p. 23.
([2]) ĠU L 65, 11.3.2016, p. 49.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċċjali.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kristján Andri STEFÁNSSON